MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Numru. 386/2002

PULIZIJA
SUPERENTENDENT ALEXANDRA MAMO
VS
TONIO CIANTAR
JOHANN CIANTAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tonio Ciantar ta’ 32 sena, iben Anthony u Josephine Galea, imwieled Attard, fil-5 ta’ Novembru 1969, residenti Villa Ciantar, Triq is-Sienja, Attard u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 469269

U kontra Johann Ciantar ta’ 27 sena, iben Anthony u Josephine Galea, imwieled Attard, fl-24 ta’ Settembru 1974 u residenti Villa Ciantar, Triq is-Sienja, Attard u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 490874(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Appropjaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom, fil-kapacita' taghhom bhala diretturi tal-kumpanija Chains Enterprises Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm7,000, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta' Malta u persuna ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti nghatat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputati sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinstghabu mixlijin u fil-fatt ammettew ghal approprijazzjoni ndebita ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000) flejjes migbura bhala VAT u naqqsu illi jghadduhom lil dan id-Dipartiment.

Illi kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminal fil-kawza **Pulizija Spettur Alexandra Farrugia Mamo vs. Vincent Farrugia:**

*"Il-konkluzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hi certament li ma jistghax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant u qatt ma kien gustifikat li jzommu u ma jibghatux lid-dipartiment tal-VAT bhala parti minn dik it-taxxa dovuta ghall-perijodu fuq imsemmi. Ghalhekk bil-fatt li b'dan l-eghmil tieghu l-appellant zamm ghalih dak li kien legalment tal-Gvern, hu gie li uza dawk l-istess flus ghal skop iehor u mhux dak li kien intiz li jintuzaw. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiffigura perfettament ir-reat ta' l-approprijazzjoni indebita ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tvarja dak li ddecidiet l-ewwel Qorti."*

Fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputati, Tonio Ciantar u Johann Ciantar, il-Qorti ssibhom hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 293, 294, 28A, 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini ta' l-Artikolu 28H qed tohrog ordni ta' restituzzjoni kontra l-imputati li ghandhom jirrifondu lid-Dipartiment tal-VAT is-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) bilanc ta' somma akbar li l-imputati ghadhom ma halsux lill-istess Dipartiment u dana fi sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------